Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,020, 14 ta' Marzu, 2023
Taqsima A

MALTA

ATT Nru VIII tal-2023

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att kontra *Money Laundering*, Kap. 373.

ACT No.VIII of 2023

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

14 ta' Marzu, 2023

ATT Nru VIII tal-2023

ATT sabiex jemenda l-Att kontra Money Laundering, Kap. 373.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2023 li jemenda l-Att kontra *Money Laundering* u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att kontra *Money Laundering*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 373.

Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 19 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Il-Bord għandu jkun magħmul:

Verżjoni Elettronika

(a) mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minn uffiċjal anzjan magħżul minnu sabiex iservi bħala membru tal-Bord minfloku minn fost dawk l-uffiċjali li qed jirċievu salarju bħala impjegati full-time mal-Korp tal-Pulizija ta' Malta;

(b) mill-Kummissarju tat-Taxxi jew minn uffiċjal anzjan magħżul minnu sabiex iservi bħala membru tal-Bord minfloku minn fost dawk l-uffiċjali li qed jirċievu salarju bħala impjegati full-time mad-dipartimenti tat-taxxa;

(ċ) minn tliet (3) membri li jinħatru mill-Ministru bil-mod ipprovdut fis-subartikolu (2);

(d) minn mhux iktar minn żewġ (2) membri oħra, kif jista' jintalab mill-Bord, maħtura mill-Ministru bil-mod ipprovdut fis-subartikolu (3):

Iżda li l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kummissarju tat-Taxxi għandhom jinformaw lill-Ministru dwar jekk humiex se jkunu qegħdin ipoġġu fuq il-Bord jew inkella lil min ikunu għażlu bħala membru.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Il-Ministru għandu jaħtar it-tliet (3) membri msemmija fis-subartikolu (1)(ċ) billi jagħżel membru wieħed (1) minn kull waħda minn tliet (3) listi, u kull lista għandu jkun fiha mill-inqas tliet (3) persuni nominati rispettivament mill-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta, miċ-Chairman tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u miċ-Chairperson tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob minn fost dawk l-uffiċjali li qed jirċievu salarju bħala impjegati full-time mal-awtorità jew entità rispettiva tagħhom.";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu l-kliem "tas-subartikolu (1)(b)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tas-subartikolu (1)(d)", u minnufih wara l-kliem "li jiġu indikati mill-Bord" għandu jiġi miżjud il-kliem "minn fost dawk l-uffiċjali li qed jirċievu salarju bħala impjegati full-time mal-awtorità jew entità rispettiva";

(d) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan

Verżjoni Elettronika

is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Membru tal-Bord magħżul hekk kif imsemmi fil-paragrafu (a) jew fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) jew maħtur taħt is-subartikoli (2) jew (3) għandu jżomm il-kariga tiegħu għal perjodu ta' ħames (5) snin u, meta jintemm iż-żmien tal-kariga tiegħu, jista' jerġa' jiġi magħżul jew maħtur fuq il-Bord, u l-membri kollha tal-Bord għandhom jingħataw dik ir-rimunerazzjoni li l-Ministru jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien.";

(e) fis-subartikolu (6) tiegħu, il-kliem "jinħatar bħala, jew li jkollu l-kariga ta' membru tal-Bord" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jinħatar jew jintgħażel bħala, jew li jkollu l-kariga ta' membru tal-Bord", u l-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) fejn ikun meħtieġ li jkun uffiċjal li qed jirċievi salarju bħala impjegat full-time ma' awtorità jew entità partikolari, ma jkunx jew ma jibqax jissodisfa tali kondizzjoni; jew";

(f) fis-subartikolu (7) tiegħu, il-kliem "jista' jitqies bħala li jikkostitwixxi mġieba ħażina." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jista' jitqies bħala li jikkostitwixxi mġiba ħażina:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda membru li jkun intgħażel skont il-paragrafu (a) jew (b) tas-subartikolu (1) jista' jinħeles mill-kariga tiegħu biss mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Kummissarju tat-Taxxi, skont il-każ, jekk il-membru huwa inkapaċi li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu hekk kif deskritt f'dan is-subartikolu, u l-Ministru għandu jkun infurmat b'tali tneħħija.";

(g) is-subartikolu (8) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) Membru tal-Bord jista' wkoll jirriżenja mill-kariga permezz ta' ittra li tiġi indirizzata lill-Ministru jew, fejn ikun intgħażel taħt il-paragrafu (a) jew (b) tas-subartikolu (1), permezz ta' ittra indirizzata lill-Kummissarju tal-Pulizija jew il-Kummissarju tat-Taxxi, skont il-każ, u lill-Ministru.";

(h) is-subartikolu (9) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

Verżjoni Elettronika

"(9) Meta jirriżulta li jkun hemm xi vakanza fil-kompożizzjoni tal-membri tal-Bord għal xi raġuni li ma tkunx l-iskadenza taż-żmien ta' kariga, dik il-vakanza għandha, għall-kumplament taż-żmien tal-kariga li tkun tbattlet, timtela:

(a) minn membru ieħor magħżul mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Kummissarju tat-Taxxi, jew minnhom stess, skont il-każ, fejn il-vakanza tirrigwarda membru magħżul skont il-paragrafu (a) jew (b) tas-subartikolu (1); jew

(b) minn xi membru ieħor li jinħatar mill-Ministru minn fost lista ta' mhux inqas minn tliet (3) persuni li jiġu nominati minn fost dawk l-uffiċjali li qed jirċievu salarju bħala impjegati full-time mal-awtorità jew entità rispettiva, mill-uffiċjal li jkun innomina l-lista li minnha l-membru li jkun battal il-kariga jkun ġie maħtur skont il-paragrafu (ċ) jew (d) tas-subartikolu (1).";

(i) minnufih wara s-subartikolu (9) tiegħu għandu jiġi miżjud dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(10) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, "dipartimenti tat-taxxa" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi.".

Kap. 517.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 97 tat-8 ta' Marzu, 2023.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati